**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum ta' 2002.
Il-Pulizija,
(Spettur Paul Bond)
vs
Nazzareno sive Ronnie Micallef.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Nazzareno sive Ronnie Micallef ta' 50 sena bin il-mejjet George u l-mejta Rosaria nee Zerafa imwieled Qormi u joqghod "Ronmay" Mdina Road, Zebbug, ta' karta ta' identita numru 244050, akkuzat talli:

1 fit-13 ta' Jannar 1999 u matul is-snin precedenti bhala detentur tal-fond "Ronnie" Auto Dealer", Mdina Road, Haz-Zebbug, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew il-konsum elettriku jew li bihom seta' iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata ikkommetta serq ta' kurrent elettriku li l-valur tieghu jeccedi il Lm100 izda inqas minn Lm1000 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. matul l-istess perijodu ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter liema hsara tammonta ghal Lm3 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi l-irregolarita` fil-meter in kwistjoni kienet tikkonsisti fis-sigilli l-blue tieghu li kienu imbaghbsin. L-imputat ammetta dan il-fatt u qua d-detentur tal-fond ha l-piena responsabbilita ta' din l-irregolarita`. Mhux hekk biss pero stante li dahal fi ftehim mal-Korporazzjoni sabiex ihallas dak li jirrisulta li hu dovut.

Illi l-Qorti in vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat ser tghaddi minnufih biex tippronuncja l-piena u fil-waqt li issib l-imputat hati kif akkuzat, rat l-Artikolu 261(b), ©, 264, 267, 279(1), 280, 326(f) u fic-cirkostanzi tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor perijodu ta' xahar mill-lum u bl-obbligazzjoni li jtemm ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta skond l-Artikolu 11 tal-imsemmi Kap 152.

A.M. Trigona
Magistrat

Nahlef li ittraskrivejt is-sentenza fedelment u bl-ahjar abilita` tieghi.

Albert Calleja
Dep. Registratur.